MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' April, 2025

Appell Inferjuri Numru 257/2021LM

**Davide Ravelli (Passaport Taljan Nru. 7A3359841)**
*('l-appellant')*

***vs.***

1. **Roberto Verde (K.I. Nru. 144929A)**
2. **Dafne Michielin (K.I. Nru. 203978A)**
3. **Maria Pina Imbesi (K.I. Nru. 136908A)**

*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Davide Ravelli (Passaport Taljan Nru. 7A3359841)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Mejju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal

Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tiegħu fil-konfront tal-intimati **Robert Verde (K.I. Nru. 144929A), Dafne Michielin (K.I. Nru. 203978A)** u **Maria Pina Imbesi (K.I. Nru. 136908A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], billi ċaħadha bl-ispejjeż kontrih, filwaqt li ddikjara li huwa għandu d-dritt li jitlob lill-intimati jittrasferulu lura l-ishma tagħhom.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas allegatament dovut lir-rikorrent mill-intimati, għall-valur tal-ishma tiegħu fis-soċjetà Sapore Limited (C 81702), liema ishma huwa kien ittrasferixxa lilhom għall-prezz miftiehem ta' elfejn u ħames mija, tlieta u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2,533.33).

## Mertu

3. L-appellant ressaq il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tas-somma ta' €2,533.33 quddiem it-Tribunal, billi istitwixxa l-azzjoni odjerna permezz ta' Avviż tat-Talba fit-3 ta' April, 2021, fil-konfront tal-appellati.

4. L-appellati wieġbu fis-7 ta' Diċembru, 2021, fejn eċċepew is-segwenti:

> *"1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuti mhumiex debituri tar-rikorrenti.*
>
> *2. Illi ir-rikorrent Davide Ravelli mhux parti tal-kuntratt esebit bħala Dokument 1. Għalhekk ma jistax jibbaża l-kawża tiegħu fuq dan il-kuntratt dok 1.*
>
> *3. Illi fl-istess kuntratt l-konvenuti ma aċċettawx li għandhom iħallsu lil attur.*

*4. Illi għal diversi raġunjiet imputabbli lil Patrizia Guerrini l-kuntratt Dokument 1 ġie reż mingħajr effett bejn il-partijiet. Il-kuntratt Dok A mhux firmat minn Maria Pina Imbesi.*

*5. Salv eċċezzjonijiet oħra."*

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"__Ikkunsidra__*

*Ma hux fatt kontestat bejn il-partijiet illi l-attur kien azzjonista fil-kumpannija Sapore Limited għall-ammont ta' 95% tal-ishma, liema kumpannija bidlet isimha fl-1 ta' Marzu 2019 (a fol. 116).*

*Ma hux anqas fatt kontestat bejn il-partijiet illi l-attur ittrasferixxa tali ishma fuq diversi persuni, u ċioé il-konvenuti, fi kwoti differenti u li huwa m'għadux parti mill-imsemmija kumpannija.*

*Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hu jekk l-attur hux dovut xi ħlasijiet tat-trasferiment tal-imsemmija ishma mill-konvenuti.*

*__Il-kuntratt bejn il-partijiet__*

*L-attur sostna fl-avviż tat-talba illi huwa kien parti mill-kuntratt illi jismu* Contratto di Cessione di Attività*, u liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 6 sa 12.*

*Min-naħa l-oħra, il-konvenuti sostnew illi l-attur ma kien qatt parti mill-kuntratt u ċioé huwa m'għandu ebda dritt fuq l-imsemmi kuntratt.*

*Fuq dan il-punt ta' diżgwit, dan it-Tribunal ser jagħmel l-ewwelnett referenza għall-Artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi illi*

"Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni." *Ukoll, Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jitkellem fuq l-effetti tal-kuntratt bejn il-partijiet minnhom iffirmati biss. Tali provviżjonijiet legali magħduda mal-prinċipju* pacta sunt servanda *jwasslu sabiex kull parti tal-kuntratt għandha l-obbligu illi tonora l-parti tagħha, u dan ukoll hekk kif ingħad mill-Qrati Maltin f'diversi sentenzi, fosthom fis-*

*sentenza bl-ismijiet* ***Josephine Casha, Mario Casha, George Casha, Antonia Zammit, Carmen Magro, Thomas Casha v. Bella Claudia Nicoletta Cassar****. (fn. 1: 25 ta' Jannar 2023, Qorti tal-Appell (Ref.: 41/2020/2) Sabiex ikun determinat lil min il-kuntratt jorbot, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi jrid ukoll jirreferi għall-Artikolu 999 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi illi* "Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu" *b'dan illi mad-daqqa t'għajn, l-ewwel prinċipju kardinali huwa illi persuni illi jkunu parti mill-kuntratt u ffirmaw tali kuntratt qed jorbtu lilhom infushom biss u ma jistgħux jorbtu lil terzi b'dan illi l-attur peress illi ma ffirmax l-imsemmi kuntratt ma jistax ikun marbut bl-imsemmi kuntratt, a differenza tal-konvenuti illi kollha ffirmaw l-imsemmi kuntratt, minbarra Maria Pina Imbesi. Tali prinċipju kien diskuss mill-Qrati tagħna f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza* ***Joseph u Monica konjuġi Grima pro et noe v. Pierre Buontempo et****. (fn. 2: 19 ta' Mejju 2014, Qorti tal-Appell (Ref.: 1843/1999/2)*

*Biss però, tali Artikolu 999 jipprovdi wkoll is-sub-artikolu 2 li jipprovdi illi* "B'dan kollu, wieħed jista' jobbliga ruħu lejn ieħor, billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra; iżda, f'dan il-każ, jekk din il-persuna l-oħra ma tkunx trid tesegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruħu jew wiegħed it-twettiq tal-obbligazzjoni, ikun suġġett biss għall-ħlas tal-ħsara." *B'dan illi jista' jkun illi l-kuntratt ikun ukoll jorbot lill-attur u lill-konvenuta Maria Pia Imbesi u b'dan illi ġjaladarba il-kumpannija irreġistrat l-azzjonisti l-ġodda, huwa ċar illi kull parti fil-kuntratt, anke jekk ma ffirmatx espliċitament, kienet lesta li tkun hekk marbuta bl-imsemmi kuntratt.*

*Tali trasferiment tal-ishma sar b'kuntratt bil-kitba bejn il-partijiet għaliex Artikolu 118 tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi kull* "trasferiment ta' azzjonijiet jew ta' obbligazzjonijiet f'kumpannija għandu jsir bil-kitba" *u ukoll illi* "kumpannija ma tkunx tista' tirreġistra trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jekk ma jkunx ingħata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tiegħu."

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal jikkonkludi illi tali kuntratt imsemmi hawn fuq huwa kuntratt legali li jorbot kemm lill-attur kif ukoll lill-konvenuti kollha.*

<u>Il-Form T</u>

*Li kieku dan it-Tribunal, jew xi ħadd mill-partijiet, kellu dubju fir-rigward tal-legalità tal-kuntratt għan-nom tal-partijiet kollha, tali dubju irid ikun ukoll eliminat minn moħħ it-Tribunal ġjaladarba l-kumpannija ippreżentat il-*Form T *lir-Reġistru tal-Kumpanniji u ta' Soċjetajiet Kummerċjali Oħra, hekk kif timponi wkoll il-leġislazzjoni sussidjarja 386.01. Inoltre, sabiex sar tali trasferiment bilfors ried ikun hemm il-ħlas*

*dovut skont l-Artikolu 64 (1) tal-Att Dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ukoll, il-konvenuti qatt ma ċaħdu tul il-proċeduri illi huma aċċettaw illi jirċievu tali ishma u liema kunsens ma kienx hekk ivvizzjat.*

*Pagament dovut lill-attur*

*Ġjaladarba tali Tribunal stabbilixxa illi tali kuntratt, u l-*Form T*, huma validi bejn il-partijiet, anke jekk il-partijiet kollha imsemmija f'din it-talba ma ffirmawx fuq l-imsemmi kuntratt, issa dan it-Tribunal irid jeżamina jekk l-attur hux dovut xi pagamenti tal-imsemmija ishma mill-konvenuti.*

*Skont ix-xhieda ta' Roberto Verde, datata 6 ta' Ottubru 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 74, il-konvenuti, fosthom Roberto Verde ma ħallsux lill-attur sehmu għall-ishma illi huma irċevew mingħandu għaliex skont huma "*Għax hemm miktub anke fuq il-kuntratt li kellha tħallas il-kumpannija Sapore."

*B'dan illi però, dan it-Tribunal ħares l-ewwelnett bir-reqqa lejn il-kuntratt, u liema parti mill-kuntratt tinsab* a fol. *6, li tgħid is-segwenti* "il valore della società Sapore Limited è stato valutato nella sua totalità di Euro 4000 (Euro Quattromila) dal Commercialista Mark Hili. Il 95% di tale importo verrà versato all'attuale azionista della società, Sig. Davide Ravelli entro e non oltre il 31 Dicembre 2019 e non appena la società avrà liquidità." *Huwa prinċipju kardinali fil-Liġi nostrana, u huwa anke ċar mill-Att Dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi trasferiment ta' ishma isir bejn azzjonisti u jixtru u jittrasferixxu mingħand xulxin u bl-ebda mod ma tidħol il-kumpannija fin-nofs sakemm ma jkunx ċar illi hija l-kumpannija li qed toħroġ dawn l-ishma, li mhuwiex il-każ hawnhekk. Fil-fatt, il-kumpannija hi persuna legali distinta mill-azzjonisti tagħha u mill-manuvri tagħhom u dan skont l-artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre anke, ir-regolamenti tal-kumpannija, jew aħjar 'l hekk imsejħa* articles of association *tal-kumpannija, u liema parti tagħhom tinsab* a fol. *46 u* a fol. *108 u taħt it-titolu "*Transfer of Shares or Debentures*", jgħidu illi "*…and inviting them to state in writing within fourteen days the number of shares, if any, which they are willing to purchase at the fair valuation." *B'dan li jfisser illi huma il-konvenuti illi huma obbligati illi jħallsu lill-attur għall-ishma u mhux il-kumpannija u b'dan li jfisser ukoll illi l-fatt illi l-kuntratt jipprovdi il-kliem "*e non appena la società avrà liquidità*" għandu jkun miftiehem li fil-fatt tali ftehim u ħlas tal-ishma m'għandux jimpinġi fuq il-kumpannija u mhux ifisser illi għandha tkun il-kumpannija li tħallas lill-attur għall-ishma illi hu ittrasferixxa. F'kull trasferiment ta' ishma, il-kumpannija ma jkollha ebda sehem, la attiv u anqas passiv, u huma biss l-*

*azzjonisti li jiddeċiedu bejniethom, sakemm ma tkunx il-kumpannija innifisha illi toħroġ dawn l-ishma li mhux il-każ hawnhekk.*

*B'dan illi issa dan it-Tribunal irid iħares lejn l-ishma illi l-attur ittrasferixxa lill-konvenuti sabiex dan it-Tribunal ikun jista' jaħdem l-ammont dovut lill-attur għall-imsemmija ishma.*

*Skont id-dokumentazzjoni uffiċjali li tinsab* a fol. *84 sa 134 jidher illi l-attur kellu fil-bidu ta' meta l-kumpannija inħolqot l-ewwel darba l-ammont ta' 360 ishma ordinarji u b'dan illi wara fis-sena 5 ta' Mejju 2018, Romeo Piperno ittrasferixxa l-ammont tal-ismha ordinarji ta' 360 lill-attur b'dan illi l-attur kellu allura fit-totalità l-ammont ta' 720 ishma ordinarji u b'dan illi fl-1 ta' Marzu 2019, l-attur ittrasferixxa l-ammont ta' 312 ishma ordinarji lil Davide Ravelli, 396 ishma ordinarji lil Roberto Verde u 12 ishma ordinarji lil Maria Pina Imbesi u b'dan illi l-attur ma baqax bħala azzjonista fil-kumpannija. B'dan ukoll illi l-ammonti ta' ishma kif ġew kienu wkoll riflessi fil-kuntratt hawn fuq isemmi. Tali kuntratt ukoll jipprovdi illi l-valur ta' dawn l-ishma kollha hu ta' erbat elef Ewro (Eur 4,000.00) (a fol. 6) b'dan illi allura l-attur irid jirċievi l-ammont ta' Eur 3,800 fl-ammont ta' flus li jirrappreżentaw l-ammont ta' 95% l-ishma illi huwa ittrasferixxa lit-terzi hawnhekk imsemmija.*

*B'dan illi però dan it-Tribunal ħares lejn it-talba tal-attur fejn l-attur talab l-ammont ta' elfejn u ħames mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,533.33) b'dan illi però dan it-Tribunal ma setax jifhem kif l-attur ħadem tali ammont u dan it-Tribunal irid allura jżomm mal-imsemmi ammont mitlub mill-attur ġjaladarba it-Tribunal ma jistax imur oltre.*

*B'dan illi però filwaqt illi dan it-Tribunal jifhem illi l-attur kellu jitħallas għal dawn l-ishma, dan it-Tribunal ma jistax jinjora Arikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex skont Artikolu 5 (e) tal-istess Att jgħid illi* "kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew mal-azzjonijiet tagħhom" *fejn il-verżjoni Ingliża tiċċara li tali sub-artikolu jirreferi għall-kelma* shares. *B'dan illi ġjaldarba tali kuntratt hu kummerċjali u bilaterali, Artiklu 117 hawn ċitat japplika b'dan illi dan it-Tribunal ikollu bilfors jiddikjara tali kuntratt bejn il-partijiet xolt ġjaladarba hemm inadempjenza u tali Tribunal ma jistax jagħti żmien lill-inadempjenti sabiex jrregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Tali interpretazzjoni riġida kienet diskussa fid-dettall fis-sentenzi* ***Adrian Busietta f'ismu proprju kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' A.B. Holdings Limited u Town Investments Limited v Philip O. Gatt f'ismu proprju kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Resort Hotels Limited, Resort Hotels Holdings Limited, Rockleys Properties Limited u Finvest International Limited*** *[fn 3: 30 ta' Mejju 2008,*

*Qorti tal-Appel, Ref.: 1974/1995/1] u* ***CMV S.p.A ġja magħrufa Casino Municipale di Venezia S.p.A, socjetà estera reġistrata l-Italja, numru ta' reġistrazzjoni 245504, rappreżentata mill-mandatarju speċjali Avukat Louis Cassar Pullicino (K.I. 441061 M) kontra Vittoriosa Gaming Limited (C 26958)****. [fn. 4: 30 ta' Mejju 2008, Qorti tal-Appell, Ref.: 1974/1995/1] B'dan illi però il-konvenuti huma obbligati illi ġjaladarba ġie xolt il-kuntratt, huma jridu bilfors jittrasferixxu lura l-ishma li rċevew mill-attur. B'dan illi però dan it-Tribunal ma kienx mitlub mill-attur sabiex jiddeċiedi fuq din il-kwistjoni bir-riżultat illi dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi fuq din il-materja."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

*"...tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet premessi fis-06 ta' Mejju 2024* in toto, *u konsegwentement tiddikjara li t-talbiet tiegħu huma fondati u tikkundanna li l-intimati appellati sabiex iħallsu lill-attur appellanti s-somma kumplessiva ta' elfejn u ħames mija, tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmi (€2,533.33) f'sehem indiviż bejniethom rispettivament.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn:

*"i. Illi t-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu fis-Sentenza billi qajjem minn rajh eċċezzjoni hu stess li ma kinitx sollevata mill-intimati, konsegwenza ta' liema s-Sentenza kienet* extra petita;

*ii. Illi t-Tribunal ta interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ abbażi ta' liema huwa ċaħad it-talbiet attriċi;*

*iii. Is-Sentenza tat-Tribunal hija* extra petita *stante l-fatt li ċaħdet it-talbiet attriċi u ordnat li l-appellant għandu dritt sabiex jieħu l-ishma tal-Kumpannija lura mingħand l-appellati meta huwa ma talabx dan bħala rimedju iżda sempliċement illi l-appellati kienu obbligaw ruħhom kontrattwalment li jħallsuh*

*bħala prezz tal-ishma trasferiti u li mingħajr ebda raġuni valida baqgħu ma ħallsux;*

iv. *Illi l-ispejjeż ma għandhomx jigu sopportati mill-appellant."*

7. L-appellati wieġbu li l-appell tal-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal.

*L-Ewwel Aggravju:* *[it-Tribunal wasal għall-konklużjoni fis-sentenza appellata billi qajjem eċċezzjoni li ma kinitx saret mill-intimati]*

9. L-appellant jissottometti li t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu li jiċħad it-talbiet tiegħu billi issolleva eċċezzjoni li ma saritx mill-appellati, u dan fejn għamel riferiment għall-artikolu 117 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, li saħansitra interpreta wkoll skorrettement. Jirrileva li l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellati kienu ġew miċħuda mit-Tribunal, filwaqt li fil-fehma tiegħu huwa kien ippreżenta d-debita prova in sostenn tat-talbiet tiegħu. L-appellant jissottometti li l-punt li tqajjem mit-Tribunal mhuwiex wieħed ta' ordni pubbliku, u l-Qrati dejjem irritenew li f'dak il-każ dan ma kellux jitqajjem mill-Qorti *ex officio*. Huwa jagħmel riferiment għal dak li l-Qrati fid-diversi sentenzi tagħhom irritenew f'dan ir-rigward, u jinsisti li dak li kkunsidra t-Tribunal ma kienx ta' ordni pubbliku, u lanqas ma huwa kkunsidrat fil-liġi bħala eċċezzjoni li tista' ssir minn Qorti *ex*

*officio,* iżda jolqot il-mertu. L-appellant jagħmel ukoll riferiment, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jipprovdi l-artikolu 732A tal-Kap. 12. Jinsisti li fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tiegħu, it-Tribunal kien tenut li jissolleva l-eċċezzjoni in kwistjoni bil-miftuħ jew permezz ta' digriet *in camera,* fejn imbagħad huwa jkollu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

10. Il-Qorti tgħid li l-appellant għandu raġun. Tibda billi tosserva li l-kwistjoni dwar meta kellu jsir il-ħlas skont it-termini u l-kundizzjonijiet patwiti fl-iskrittura privata, li kopja tagħha ġiet annessa mal-Avviż tat-Talba, u tinsab esebita *a fol.* 6 tal-atti tat-Tribunal, ma ġietx issollevata mill-konvenuti permezz ta' eċċezzjoni fir-Risposta tagħhom, iżda biss permezz tal-avukat difensur tagħhom waqt it-trattazzjoni finali quddiem l-imsemmi Tribunal. Jidher li għalhekk it-Tribunal segwa l-argument dwar in-nuqqas ta' prova tal-likwidità tas-soċjetà Sapore Limited għall-fini ta' ħlas skont l-iskrittura appena msemmija, u applika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, billi ddikjara xolt dak il-ftehim, u ddeċieda l-vertenza b'dan il-mod. B'hekk kif sewwa jgħid l-appellant, it-Tribunal issorprenda lill-partijiet, li qatt ma ngħatatilhom l-opportunità li jwieġbu għal din l-eċċezzjoni li huwa qajjem *ex officio.* Il-Qorti tgħid li tassew it-Tribunal ma kienx korrett meta mexa b'dan il-mod, għaliex ma tikkunsidrax li l-kwistjoni li huwa ssolleva hija waħda ta' ordni pubbliku, u lanqas m'hija waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi kkontemplati fil-liġi fejn jista' jqajjimha minn jeddu.

11. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tal-appellant ġustifikat u tilqgħu. Ġaladarba l-Qorti ser tgħaddi sabiex tħassar is-sentenza appellata, hija ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-aggravji tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant billi tilqa' l-ewwel aggravju tiegħu, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-aggravji li huwa ressaq, u tħassar is-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell odjern a karigu tal-appellati.**

**Il-Qorti tordna li l-atti kollha tal-appell preżenti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal, li għandu jagħti lill-partijiet rispettivi l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom, dejjem jekk ikun il-każ, dwar l-eċċezzjoni li qajjem huwa stess taħt l-artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u jagħtihom ukoll terminu xieraq li fih huma għandhom jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom qabel ma jgħaddi sabiex jiddeċiedi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu għandhomx japplikaw għall-każ odjern. Fl-eventwalità li t-Tribunal jiddeċiedi li l-imsemmija eċċezzjoni ma treġiex, huwa għandu jgħaddi sabiex jiddeċiedi mill-ġdid it-talbiet tal-appellant fid-dawl ta' kif dawn ġew espressi, u billi jiddeċiedi wkoll l-eċċezzjonijiet tal-appellati, anki dwar l-ispejjeż tal-proċedura kollha li saret quddiemu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**